



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 4.9.2007  
KUMM(2007) 495 finali

2007/0181 (CNS)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni ta' protokoll li jemenda l-ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija.**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1) KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Il-ftehim ta' l-avjazzjoni Ewro-Mediterranju bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk ġie nneozjat skond mandat li l-Kunsill irċeiva f'Diċembru 2004. Il-ftehim ġie iffirmat fit-12 ta' Diċembru 2006.

- Kuntest ġenerali

Ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija saru membri ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007. Fid-dawl ta' l-Artikolu 6(2) ta' l-att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni, dawn iż-żewġ Stati ntrabtu li jaderixxu mal-ftehimiet u l-konvenzjonijiet konklużi mill-Istati Membri u, b'mod konġunt, mal-Komunità.

Dawn l-adeżjonijiet għall-ftehimiet u l-konvenzjonijiet huma pprovduti mill-proċedura simplifikata. Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għandu jikkonkludi Protokoll, li fih jiddeċiedi b'unanimità fisem l-Istati Membri, u l-pajjiżi terzi kkonċernati.

L-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fit-12 ta' Diċembru 2006, għandu għalhekk jiġi approvat permezz tal-konklużjoni ta' protokoll li jemenda dan il-ftehim.

Il-protokoll jiddefinixxi l-addattamenti tekniċi u lingwistiċi li jridu jsiru lill-ftehim bħala riżultat ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

- Dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam tal-proposta

Id-dispożizzjonijiet tal-ftehim jissostitwixxu jew jikkomplimentaw dawk li hemm fil-ftehim dwar l-avjazzjoni Ewro-Mediterranju bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk.

- Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet oħra ta' l-Unjoni

Il-ftehim Marokkin huwa l-ewwel stadju fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet ta' l-avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-pajjiżi ġirien. Huwa parti mill-qafas tal-Komunikazzjoni COM (2005) 79 finali ppreżentata mill-Kummissjoni: "L-iżvilupp ta' l-aġenda dwar il-politika esterna ta' l-avjazzjoni tal-Komunità".

### 2) KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mirau profil ġenerali tal-partiċipanti

Mhux applikabbli.

### Sommarju tat-tweġibiet u kif tqiesu

Mhux applikabbli.

#### 3) ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- Sommarju ta' l-azzjoni proposta

Il-protokoll jipprovdi għas-sostituzzjonijiet meħtieġa li għandhom jiġu inklużi fil-ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni, bħala riżultat ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007. Id-dispożizzjonijiet korrispondenti se jinżiedu ma' l-Anness.

- Bażi ġuridika

Artikolu 80(2), relatat ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2), l-Artikolu 300(3) u l-Artikolu 300(4).

- Prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-miżura jew il-proposta ma taqax taħt il-kompetenzi esklussivi tal-Komunità.

- Prinċipju tal-proporzjonalità

Il-protokoll se jemenda jew jikkompleta d-dispożizzjonijiet tal-ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni mingħajr ma jmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġa biex jiggarantixxi l-konformità mad-dritt Komunitarju.

- Għażla ta' l-istrument

Il-protokoll li jemenda l-ftehim bejn il-Komunità u l-Marokk huwa l-aktar strument effikaċi biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

#### 4) IMPLIKAZZJONIJIET FUQ IL-BAĠIT

Il-proposta m'għandha ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Komunità.

#### 5) INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI

- Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta

Il-Kunsill mistieden japprova l-protokoll li jemenda l-ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra;

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni ta' protokoll li jemenda l-ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija.**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunitajiet Ewropej u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), f'konnessjoni ma' l-Artikolu 300(2), it-tieni paragrafu, l-ewwel inċiż tat-tielet u r-raba' paragrafu,;

wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 6(2) tiegħu,

wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri kollha tagħha, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra; il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat,
- (2) Il-ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra għie ffirmat fi Brussell fit-12 ta' Diċembru 2006 (minn hawn 'il quddiem "il-ftehim");
- (3) It-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, għie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007;
- (4) Protokoll li jemenda l-ftehim dwar is-servizzi ta' l-ajru hu meħtieġ sabiex titqies l-adeżjoni taż-żewġ Stati Membri ġodda.
- (5) Il-protokoll għie nnegozjat miż-żewġ partijiet nhar [ ] ;
- (6) B'konsegwenza ta' dan, il-protokoll għandu jiġi approvat;

JIDDEĊIEDI:

*Artikolu 1*

Il-protokoll li jemenda jemenda l-ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-gvern tar-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, huwa adottat fisem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha. It-test tal-protokoll huwa anness ma' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 2*

In-notifika pprovduta fl-Artikolu 4 tal-Protokoll saret mill-Kunsill.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

[...]

**ANNES**

**ABBOZZ**

**TA' PROTOKOLL LI JEMENDA  
IL-FTEHIM EWRO-MEDITTERANJU  
DWAR IS-SERVIZZI TA' L-AJRU  
BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA  
U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN NAĦA,  
U R-RENJU TAL-MAROKK  
MIN-NAĦA L-OĦRA**

IR-RENJU TAL-BELĠJU,  
IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA  
IR-REPUBBLIKA ĊEKA,  
IR-RENJU TAD-DANIMARKA,  
IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,  
IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,  
IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,  
IR-RENJU TA' SPANJA,  
IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,  
L-IRLANDA  
IR-REPUBBLIKA TALJANA,  
IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,  
IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,  
IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,  
IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,  
IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,  
IR-RENJU TA' L-OLANDA,  
IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,  
IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,  
IR-RUMANIJA,  
IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,  
IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,  
IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,  
IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem magħrufa bħala "l-Istati Membri", u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem msejħa 'il-Komunità',

irrappreżentata mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

minn naħa, u

IL-GVERN TAR-RENJU TAL-MAROKK,

minn hawn 'il quddiem "il-Marokk",

min-naħa l-oħra,

wara li kkunsidraw l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea u għalhekk mal-Komunità fl-1 ta' Jannar 2007,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

#### *Artikolu 1*

Ir-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija huma partijiet fil-ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fit-12 ta' Diċembru 2006 (minn hawn 'il quddiem "il-ftehim");

#### *Artikolu 2*

1. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma miżjuda ma' l-anness II tal-ftehim (ftehimiet bilaterali bejn il-Marokk u l-Istati Membri):

"- Ftehim bejn ir-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u r-Renju tal-Marokk dwar it-trasport bl-ajru, iffirmat f'Rabat fl-14 ta' Ottubru 1966;

"- Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk dwar it-trasport ċivili bl-ajru, iffirmat f'Bukarest fis-6 ta' Diċembru 1971;

Emendat l-aħħar mill-Memorandum ta' Ftehim konkluż f'Rabat fil-29 ta' Frar 1996."

2. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma miżjuda ma' l-aħħar paragrafu ta' l-Anness III tal-ftehim (awtorizzazzjonijiet għall-operazzjoni u permessi tekniċi: awtoritajiet kompetenti

"Il-Bulgarija :

Amministrazzjoni ta' l-avjazzjoni ċivili

Il-Ministeru għat-Trasport



Ir-Rumanija:

Direttorat Ġenerali ta' l-Avjazzjoni Ċivili

Ministeru għat-Trasport, il-Kostruzzjoni u t-Turiżmu"

*Artikolu 3*

It-testi tal-ftehim bil-Bulgaru u bir-Rumen, mehmuża ma' dan il-protokoll, huma awtentiċi bl-istess kundizzjonijiet għall-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra.

*Artikolu 4*

Dan il-Ftehim huwa approvat mill-Partijiet skond il-proċeduri tagħhom stess. Jidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim. Fil-każ fejn, intant, dan il-protokoll ikun approvat mill-partijiet kontraenti f'data wara d-dħul fis-seħħ tal-ftehim, il-protokoll jidħol għalhekk fis-seħħ skond l-Artikolu 27, l-ewwel paragrafu tal-ftehim, fid-data li fiha l-partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-twettiq tal-formalitajiet interni ta' approvazzjoni.

*Artikolu 5*

Dan il-Protokoll huwa mfassal fi (*data, post*) f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Latvjian, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Għarbi b'kull wieħed minn dawk it-testi ugwalment awtentiċi.

GĦALL-ISTATI MEMBRI:

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA

GĦALL-GVERN TAR-  
RENJU TAL-MAROKK

Il-President